# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Pio Pisani**
**V**

## CHRISTOPHER ELLUL

**Illum, 10 ta' Jannar, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER ELLUL** ta' wiehed u tletin sena bin Emanuel u Mary nee Naudi, imwieled Sliema nhar is-sittax ta' Gunju, 1968, li joqghod 240, Triq Sant'Ursula, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 280668(M), gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-Gnejna, l/o Mgarr, Malta, nhar l-erbatax (14) ta' April 2000 ghal habta ta' nofs il-lejl u ghoxrin:

(a) Bil-vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Sabrina Sauter ta' dsatax il-sena, liema reat sar meta l-istess persuna ma kienetx tista tirrezisti ghal xi raguni ndipendenti mill-ghemil tal-imputat Christopher Ellul u minhabba l-mezzi qarrieqa li nqeda bihom,

(b) B'ghemil zieni kkorrompa lill-imsemmija Sabrina Sauter, liema delitt sar b'theddid, b'qerq u bil-vjolenza,

(c) Bla ordni skond il-ligi ta'awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, zamm jew issekwestra lil Sabrina Sauter kontra l-volonta` taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet mhedda bil-mewt u giet offiza fuq il-persuna mghieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha,

(d) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-imsemmija Sabrina Sauter f'periklu car ikkaguna hsara fuq il-persuna taghha dan kif iccertifikat it-tabiba Maria Borda MOD (Med Reg No. 2529).

(e) Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku, dan kollu a tenur tal-artikoli 198, 199, 201 (b), 206, 207, 209, 86, 87(c) proviso.

(f) Akkuzat talli sar recidiv b'sentenzi moghtija nhar id-disgha ta' Settembru, 1991 (Awla 1), u nhar is-sitta u ghoxrin ta' Mejju 1997

(Awla 6) liema sentenzi saru definitivi, ikkommetta reat iehor, dan a tenur tal-artikoli 49 u 50.

(g) Akkuzat ukoll talli kiser sentenza sospiza moghtija nhar it-tmienja ta' Ottubru, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Carmel Lino Agius LL D (Seduta Numru LXX11, Appell Numru 182/94).

(h) Akkuzat ukoll talli kiser sentenza sospiza moghtija nhar l-ewwel ta' Gunju, 1998 mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona LL D.

(i) Akkuzat ukoll talli kiser sentenza sospiza moghtija nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Mejju, 1998 mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona LL D.

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali tar-Repubblika tas-sitta u ghoxrin ta' Ottubru, 2000 li biha baghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni fuq indikati sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat din il-Qorti tiddecidi fuq il-htija li tista tinstab kontra l-istess imputat taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 41 (1) (a), 198, 203, 86, 87, 221, 209, 49, 50, 28 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-disgha ta' Novembru, 2000 minn fejn jirrizulta li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat min jeddu u bil-gurament u lix-xhieda minnu prodotti;

Semghet t-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tal-imputat u tal-Ufficjal Prosekutur;

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-tlettax (13) ta' April, 2000 l-imputat kien qed jahdem bhala driver ma socjeta privata jgorr xi turisti minn post ghall-post. Illi dak il-lejl huwa kien fil-kumpless ta' Hal Ferh fid-discoteka w iltaqa ma Sabrina Sauter, tfajla ta' dsatax il-sena ta' nazzjonalita` Germaniza. Illi l-imputat beda jitkellem ma din Sabrina Sauter sabiex johorgu mid-discoteka u jmorru dawra bil-vann. L-imputat u Sabrina Sauter telqu flimkien u spiccaw il-Gnejna. L-imputat dak il-hin kien qed isuq vann tax-xoghol.

Illi wara li pparkja l-vann gol-Gnejna huwa beda jabbuza minn din l-istess tfajla u beda jabbuza minnha sesswalment u kontra r-rieda taghha.

L-imputat u Sabrina Sauter jaghtu spjegazzjoni totalment differenti ta' kif graw il-fatti u ghalhekk il-Qorti thoss illi fic-cirkostanzi il-Qorti trid tesamina ix-xhieda b'mod akkurat u dettaljat u dan principalment ghaliex kollox jiddependi fuq il-kredibilita` li l-Qorti ser taghti lix-xhieda.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegata vittma Sabrina Sauter li fi ftit kliem tghid li kienet abbuzata kontra r-rieda taghha u dik proposta mill-imputat li jghid li huwa kellu relazzjoni intima ma Sabrina Sauter ghaliex stiednitu hi u riedet li jkollha x'taqsam mieghu b'mod volontarju.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta'zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet

ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru ukoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed mal-prezentata u dan fis-seduta tal-hmistax ta'April, 2000, l-ghada tal-allegat reat.

Hija spjegat illi nhar il-Hamis, erbatax ta' April, 2000 hija kienet fil-kumpanija ta' xi hbieb taghha f'diskoteka ta' Hal-Ferh. Hemmhekk hija ltaqghet mal-imputat li gharfet fl-awla u li qalilha li jismu Mark. Huwa mar fuqha u qalilha li taf tizfen. Huma bdew jitkellmu. Spjegat li kien liebes speci ta' uniformi, qalilha li kien driver u hija fehmet li kien responsabbli ghal xi garr ta' turisti. Staqsiha jekk riditx tmur mieghu fuq *tour* u hija fehmet li kienu sejrin igibu xi turisti u marret mieghu. Maghhom fil-vann ma kien hemm hadd izjed.

Malli beda jsuq staqsietu fejn kienu sejrin u qalilha li ried juriha xi post u forsi jitbewsu xi ftit. Hija ghalhekk immedjatament qaltlu li riedet tmur lura l-kumpless ghax ma ridietx tmur mieghu. Qaltlu li jekk ma jieqafx kienet ser taqbez mill-van. Huwa waqaf ma gemb hajt il-Gnejna. Hija ttantat tohrog mill-vann pero' huwa resaq lejha u gibidha mill-flokk u sar aggressiv maghha. Huwa qabadha bejn il-vann u l-hajt u zammha minn ghonqha. Hija ttantat tohrog minn dik il-posizzjoni pero' ma

rnexxilhix. Pogga idu madwar ghonqha u beda jheddida li kien ser joqtolha. Hija ghalhekk dahlet fil-vann, fil-parti ta'wara tieghu. Beda jbusha u riedha tnehhi hwejjigha. Hija ppruvat tikkalmah billi tkellmu bi hlewwa izda dan ghal xejn ghaliex sar aktar agressiv u ttanta jifgha. Nehhilha l-*bra* u beda jmissha b'mod partikolari f'sidirha. Hija spiccat minghajr hwejjeg fuq sidirha. Riedha tnehhi l-qalziet izda ma rieditx u peress li zammha minn ghonqha hija nehhiet il-qalziet. Tul dan il-hin l-imputat qaghad jimmasturba. Ried jkollu sess orali maghha u fil-fatt kellha taghmel hekk stante li kien qed jzommha minn ghonqha il-hin kollu. Sabrina Sauter kienet bezghana minnu. Wara beda jmissilha il-parti genitali taghha u beda jbusha fil-parti taghha waqt li jghidilha kliem bhal "*bitch*", "*dirty girl*", "*darling*" u jikkummenta fuq sidirha li kien sabih. Qalilha li kien ser jkollu x'jaqsam maghha sesswali fis-sens li jippenetra go fiha izda f'dak il-hin rat vettura. Qalilha biex ma ticcaqlaqx u ma tghajjatx. Bdiet taghjjat u harget idejha mill-vann. F'din l-vettura kien hemm zewg pulizija. Il-Pulizija avvicinaw il-vann fejn kienu l-imputat u l-allegata vittma, qalulha biex tilbes u nizzluha l-Ghassa waqt li l-Pulizija l-iehor akkumpanja lil imputat l-Ghassa. Il-Pulizija sussegwentement akkumpanja lil Sabrina Sauter l-isptar San Luqa fejn giet ezaminata minn Doctor Maria Borda.

**Doctor Maria Borda** qalet li fl-erbatax ta' April, 2000 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu, hija ezaminat lil Sabrina Sauter fl-isptar San Luqa. Hija ddeskriviet il-marki li rat fuq l-*isternum* taghha li huma indikattivi fil-fehma taghha li Sabrina Sauter inzammet kontra r-rieda taghha. Hija kellha *erythema* fuq ghonqha fuq il-parti ta' quddiem, marki fuq spallejha il-leminija u fuq darha.

**PS 1381 Michael Camilleri** xehed fis-sbatax ta' April, 2000 u spjiega li huwa kien fil-vettura tas-servizz ma PC 548 jghamlu *patrol* fil-Gnejna meta f'daqqa wahda raw id hierga minn vettura li kienet pparkjata ma gemb hajt. Huma ghalhekk resqu lejn din il-vettura u semghu lehen jghid "*help… he is going to kill me !*" Nizel jigri mill-vettura u ra lil Sabrina Sauter tibki bil-qeghda. Huwa raha gharwiena huta. Kien hemm hafna dlam u meta xeghel t-*torch* ra lil imputat li kien jafu minn qabel. L-imputat dak l-hin kien bil-flokk u qalziet ta' taht. Qalilhom biex jilbsu. Huwa jghid li Sabrina Sauter kienet fi stat ta' xokk. Rikkibha mieghu fil-karozza u PC 548 akkumpanja lil imputat l-Ghassa.

PC 1381 jghid li dak il-hin a tempo vergine ta' l-incident l-imputat qallu li kellu xi problema mal-mara u li kien iltaqa ma Sabrina Sauter fil-kumpless ta' Hal Ferh. Qallu li kien qalilha li kien sejjer l-*airport* jigbor xi turisti u jekk rieditx tmur mieghu. Qallu li kellu x'jaqsam maghha

waqt li kien l-Gnejna fis-sens li qaghad jmiss il-parti genitali taghha u li kellhom sess orali pero li ma kellux *intercourse* maghha.  Qallu wkoll li kien ordnalha tnehhi l-hwejjeg.

**PC 548 Alfred Micallef** kkonferma dak kollu li qal PS 1381 Camilleri fis-sens li l-vann tal-imputat kien pparkjat ma gemb il-hajt u li ra id hierga mill-vann taghmel sinjal u sema xi kliem fis-sens *help me.* Huwa kkonferma li perezz ta' *torch* ra lil Sabrina Sauter gharwiena huta u li l-imputat kien qed jittanta jirrapjaha u li beda jheddidha li kien ser joqtolha jekk ma tikkoperax mieghu.

**L-imputat ghazel li jixhed** b'mod volutnarju u qal li huwa iltaqa ma Sabrina Sauter fil-kumpless ta' Hal Ferh jiem qabel l-incident in kwistjoni u li fil-fatt kien iltaqa maghha xi tlett darbiet qabel.  Huwa spjiega li kellu x'jaqsam maghha f'okkazzjonijiet precedenti.  Dakinhar huwa spjiega li bhas-soltu qaghad jinnamra mal-allegata vittma pero hija ma kienetx sodisfatta ghaliex ma tahiex cans tilhaq l-orgazmu waqt li huwa kien diga ssodisfa ruhu u ghalhekk bdiet tghajjat sabiex tivvendika ruhha minnu.  Mistoqsi x'kienu l-marki fuq gisimha l-imputat wiegeb li setghu gew kagjonati minnha stess jew huma xi marki tal-vettura.  Huwa cahad li heddidha jew wegghha u dak li ghamel mal-vittma u cioe s-sess

orali u nnamra maghha ghamlu b'mod voluntarju u bix-xewqa tal-istess Sabrina Sauter.

Il-Qorti thoss li l-ispjiegazzjoni li ta l-imputat tmien xhur wara li sehh l-incident ma tantx hija veritiera u kredibbli u l-Qorti ma thossx li ghandha taghti xi affidabilita lil tali xhieda. Ix-xhieda li tat Sabrina Sauter ftit sieghat wara l-incident u l-manjiera ta' kif ddeponiet, ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant sabiex temmen li dak li qalet kien kollu minnu u kien jirrispekkja biss s-sewwa.

Il-vittma qalet li l-imputat beda jzommha minn ghonqha u dan huwa korroborat mill-marki li nstabu f'ghonqha minn Doctor Maria Borda; li beda jimbuttaha mal-hajt ma gemb il-vann, dan kollu huwa wkoll korroborat mill-marki li nstabu fuq darha. Il-Qorti ma temminx kif issuggerixxa l-imputat li Sabrina Sauter kienet qed tigdeb u tghid hrafa ghaliex hija ma zieditx ma dak li gara u fejn dak li ma garax ma sehhx, hija ghazlet lil tghid l-verita per ezempju li *intercourse* ma kellhomx.

Il-Qorti thoss li Sabrina Sauter kienet genwina f'dak li qalet, konsistenti f'dak li rrakkontat u kredibbli ghal min irid jizen u jorbot ix-xhieda taghha.

Il-Qorti pero thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk l-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lil imputat.

L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew alternattivament tat-tentattiv tieghu skond l-artikolu 41(1)(a) tal-istess kap.

Dan r-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe l-element materjali u l-element intenzjonali, jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jesiztu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputat allegatament kkommetta r-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat.

Xi jfisser jew x'hinu stupru ?

Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa *rape* u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-

kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-*hymen* u emissjoni ta' *semen* mhux elementi kostituttivi ta' dan r-reat.

It-tieni element essenzjali f'dan r-reat huwa dak intenzjonali u dan irid jissusisti ndipendentement jekk offrietx resiztenza jew le. Jigifieri li mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhix il-volonta, imma irid ikun hemm r-rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din r-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac–cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn l-vittma mhiex persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' resiztenza setghet toffri l-vittma wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.

Issa minn ezami tal-provi jirrizulta kemm mill-imputat kif wkoll mill-allegata vittma li penetrazzjoni ma kienx hemm mill-organi tal-imputat ghal oraganu tal-allegata vittma. Kull ma kien hemm kien

tbaghbis bis-swaba li in vista ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, ma jammontax ghar-reat in dezamina.

L-Avukat Generali ghogbu jaghti wkoll t-tentattiv f'dan r-reat.

Bir-rispett kollu pero l-Qorti ma thossx li kien hemm t-tentattiv lanqas, ghaliex fil-fatt l-imputat kien ghadu liebes bil-qalziet ta' taht meta l-Pulizija interveniet. X'kellu f'mohhu l-imputat il-Qorti ma tistax tkun taf u anke kieku kienet taf ma tistax tikkundannah ghall-intenzjoni biss ghaliex intenzjoni wahda ma tikkostitwix r-reat; hemm bzonn l-bidu tal-*actus reus.*

Il-Qorti ghalhekk ma thossx li din l-ewwel l-akkuza giet ppruvata fil-konfront tal-imputat.

Dwar t-tieni akkuza, l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lil imputat bir-reat ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta kif proposta fl-artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova tlett elementi ghal ezistenza ta' dan r-reat u cioe :

1. l-ghemil zieni,

2. il-korruzzjoni ta’ persuna,

3. li din il-persuna tkun taht l-eta.

Illi mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mill-akkuza nnifisha jirrizulta li Sabrina Sauter kellha dsatax il-sena u ghalhekk t-tielet element ta’ dan r-reat huwa nieqes *ab initio* u ghalhekk il-Qorti ma hiex ser tidhol fil-tul fl-ezami ta’ dan l-artikolu tal-ligi stante li ma japplikax ghal kaz in ezami.

It-tielet akkuza hi dik kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe r-reat ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi kif aggravat bic-cirkostanzi kontemplat fl-artikolu 87 tal-istess Kap 9.

Minn ezami ta’ dan l-artikolu jirrizulta li bniedem jista jinsab hati ta’ din l-akkuza *una volta* u principalment ghaliex m’ghandhux ordni skond l-ligi ta’ awtorita kompetenti u li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta’ awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra, jista jinghad li dan b’xi mod arresta, zamm jew ssekwestra lil Sabrina Sauter?

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista jsir kontra l-volonta tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element tas-sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-unika tip ta' agir li jinkwadra ruhu f'dan r-reat kif donnu ried jfhiem l-avukat difensur lil din il-Qorti.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsira tal-kelma 'sekwestru' f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu – l-usu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan il-Kap jaqa agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita ma jkunx punibbli. It-teorija ta' arrest illegali tabbraccja ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat imma wkoll l-arrest bl-ingann. Fi kliem iehor l-awturi **Smith & Hogan** jsostnu li l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*'

**Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

> "*il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia <u>assoluta</u> e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso*"

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale*** Ediz. 1977; pg. 134 jghid:

> "*le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto <u>impossibile ogni via di scampo</u>. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li wara li spjiegat it-tifsira tar-reat ta' sekwestru ta' persuna trid issa tezamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

Illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat, kontrarjament opposti ghal dawk moghtija mill-allegat vittma, ma tantx huma kredibbli

fic-cirkostanzi.  L-imputat qal li l-allegata vittma riedet tmur mieghu minn jeddha u kellha pjacir bil-presenza tieghu tant li kienet hi li riedet toqghod tinnamra u kwazi kwazi l-imputat jrid lil Qorti temmen li kienet hi li hajritu jmorru l-Gnejna ghal kwiet.  Pero meta gie mistoqsi ghaliex l-vittma bdiet tghajjat meta rat karozza, wiegeb b'mod xejn konvincenti li ghamlet hekk ghaliex ma kienetx issodisfat z-ziena taghha u ghalhekk riedet tpattielu, u meta gie mistoqsi kif kellha tant grif u marki fuq gisimha, l-imputat wiegeb li setghet gabithom mill-movimenti fil-vettura.  Pero hawnhekk wkoll ma deherx konvincenti ghaliex ghall-ewwel qal li ma jafx kif kellha dawn il-marki.

Il-Pulizija t-tnejn spjiegaw kemm kienet fi stat ta' paniku u kommoss Sabrina Sauter meta rawha fil-vann u fil-fatt qalu li kienet fi stat ta' xokk bil-qieghda gharwiena huta.  Kieku verament kienet qeghda tiehu pajcir mal-imputat ma kienetx tattira l-attenzjoni ta' terzi u ma kienetx twaqqaf n-namrar b'dak il-mod hesrem; kienet tispera li l-atti kienu ser jkomplu, molto piu meta tqis li kienet gharwiena.

Il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-allegata vittma huma hafna aktar kredibbli w attendibbli u ghandhom aktar mis-sewwa.  Il-Qorti qiset l-imgieba tal-vittma meta bdiet tiddeponi w r-reazzjoni u l-impatt li kellha dan l-agir fuq il-persuna taghha.  Il-Qorti apprezzat li t-tfajla

kienet imfarrka emozzjonalment u bdiet tirtodd meta bdiet tirrakkonta t-trawma li ghaddiet minnha.  Xejn ma dehret li kienet qed tirrakkonta xi esperjenza sabiha izda wahda mimlija imrar.

Il-vittma qalet li l-imputat zammha minnn ghonqha, ghafasha mal-hajt, ma gemb il-vann u ordnalha taghmel dak li ma rieditx ghaliex fin-nuqqas kiene ser joqtolha.  Il-post kien mudlam hafna salv ghad-dawl tal-vettura tal-Pulizija li giet wara.

Illi hija kienet qalet lil imputat diversi drabi tul il-vjagg, li riedet tmur lura ma shabha u li ma rieditx li jkollha x'taqsam mieghu izda dan nonostante l-imputat xorta baqa sejjer lejn il-Gnejna u ordnalha tinza u taghmel is-sess mieghu kontra r-rieda taghha.  L-imputat spjiega li l-bieba tal-vann kienet miftuha, u ghalhekkk setghet tahrab.  Illi dan il-fatt ma giex ppruvat mix-xhieda l-ohra, lanqas in kontro ezami w inoltre, il-Qorti tistaqsi – tahrab u tmur fejn f'dak id-dlam, 'l boghod minn kull civilizzazzjoni, 'l hinn minn kull bniedem ?

Il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni bla ebda dubbju ta' xejn irnexxilha tipprova din l-akkuza b'mod sodisfacenti.

FIr-raba lok l-imputat gie akkuzat li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sabrina Sauter.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha ix-xhieda ta' Doctor Maria Borda kif moghtija nhar s-sbatax ta' April, 2000 u d-dokument CSH 2 esibit f'dawn l-atti a fol 13 u jirrizulta bic-car minghajr ebda ombra ta' dubbju li l-allegata vittma kellha diversi griehi u grif fuq ghonqha, fuq l-*isternum* u spallejha ilkoll ta' natura hafifa. Illi Sabrina Sauter tispjiega li dawn gew kagjonati mill-imputat meta huwa zammha sabiex taghmel dak li ordnalha, filwaqt li l-imputat ma jaghtix spjiegazzjoni plawsibbli ta' kif sehhew. Illi ghalhekk din r-raba akkuza kif kontemplata fl-artikolu 221 tal-Kap 9 tirrizulta wkoll ppruvata.

Il-hames akkuza hija dik proposta fl-artikolu 209 tal-Kap 9 u cioe offiza ghal pudur jew ghal morali maghmula fil-pubblilku.

Kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gerald Cassar *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Lulju, 1951*** l-attentat ta' vjolenza ghal pudur – il-vocabolu "*attentat fis-sens ta' "osare", "ordine" – thebb – jew oltragg vjolenti ghal pudur*" hu kostitwit minn "*tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persone contro/a di lei volonta`*" (**Carrara – *Programma – pg. 1541***) li ma

jkunux jammontaw ghal wiehed mid-delitti, kkunsmati jew attentati msemmija fl-artikolu ta' qabel l-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali.

> "*Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggano condizioni degli elementi costitutivi del " coprus criminis" in tale maleficio si esaurisce nelle condizione materiali di un atto esercitato sulla persona altrui dal quale risulti un oltraggio al di lei pudore, eseguito con pravo fine a previsione del rizultato.*"
> (Ibid } 1548.)

Illi l-imputat stess fix-xhieda tieghu ammetta li kellu sess orali mal-allegata vittma u li qaghad jmissilha sidirha u Sabrina Sauter stqarret li hija kellha tinza gharwiena minhabba l-ordni li ta l-imputat. Illi ghalkemm l-avukat difensur donnha sostniet li dawn huma hwejjeg normali li tnejn minn nies jinnamraw f'karozza bil-lejl, xorta jibqa l-fatt li dawn l-atti huma indicenti u kommessi f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku, u ghaliex l-atti huma indicenti, l-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni l-ohra tad-difiza li karozza pprakjata ma gemb hajt, fil-bajja tal-Gnejna anke jekk huma kienu fil-present abbandunati, fl-apert kampanji u fid-dlam, ma tikkostitwix lok pubbliku jew espost ghal pubbliku ai termini tal-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali (ara fl-istess

sens is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Dicembru, 1973*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Massa** u **Il-Pulizija v George Portelli** ***deciza mill-istess Qorti nhar l-ghoxrin ta' Frar, 1975***.)

Illi ghalhekk din l-hames akkuza tirrizulta ppruvata wkoll.

Il-Qorti rat wkoll is-sentenzi esibiti f'dawn l-proceduri partikolarment dawk esibiti a fol 31 et seq, markati bhala dokument AB 1, dik a fol 40 et seq markata bhala dokument AB 2, dik a fol 42 et seq markata bhala dokument AB 3, dik a fol 44 et seq markata bhala dokument AB 4, dik a fol 102 markata bhala dokument GW.

Semghet lil Ufficjal Investigattiv l-Ispettur Simon Galea nhar s-sbatax ta' April 2000 (fol 48) jghid li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur fis-sentenza markata bhala dokument AB 3, moghtija fl-ewwel ta' Gunju, 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat fejn gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna kontra minn inghatat is-sentenza markata bhala dokument AB 3.

Semghet lis-Supretendent Bartolomeo Mula nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 jghid li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u

Prosekutur fis-sentenza li tinsab mmarkata fl-atti bhala dokument AB 1 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Ottubru, 1999 fil-konfront ta' Christopher Ellul li hu l-imputat odjern.

Semghet lil Ispettur Paul Camilleri nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 2000 jghid lil huwa kien l-Ufficjal Investigaattiv u Prosekutur fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 1997 esibita f'dawn l-atti bhala dokument AB 2 fil-konfront tal-imputat odjern Christopher Ellul.

Semghet lil Ispettur Gaetano Walker jghid li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998, esibita f'dawn l-atti a fol 102 bhala dokument GW fil-konfront tal-imputat odjern Christopher Ellul.

Illi ghalhekk ma hemm ebda dubbju fid-dawl tas-suespost li l-imputat huwa hati tal-akkuza ta' recidiva kif proposta fl-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9. Dan l-artikolu jaghti diskrezzjoni lil Qorti li zzid il-piena f'kaz li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Fl-ahhar nett, l-imputat gie akkuzat wkoll talli kkommetta reat waqt l-operat ta' tlett sentenzi sospizi ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti diga ddikjarat li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova fil-konfront tal-imputat t-tielet akkuza dik t'arrest illegali, r-raba akkuza dik ta' ferita ta' natura hafifa u l-hames akkuza dik t'offiza tal-pudur u dan b'referenza ghal incident li sehh nhar l-erbatax ta' April, 2000.

Illi fit-tmienja ta' Ottubru, 1999 l-imputat kien instab hati ta' reati simili b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (dokument AB 1 a fol 31 tal-atti odjerni) u gie kkundannat piena karcerarja ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin.

Illi fl-ewwel ta' Gunju, 1998 l-imputat kien instab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u gie kkundannat disgha xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin ghal akkuza simili.

Illi fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998 l-imputat ghal darb'ohra gie misjub hati ta' reati simili mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u gie kkundannat disgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Illi dawn is-sentenzi kollha nghataw u kellhom effett sakemm l-imputat ma jghamilx reat iehor fil-perjodu operattiv taghhom skond l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Illi jirrizulta li dawn r-reati odjerni gew kommessi fil-perjodu operattiv taghhom u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-imputat kkommetta reat waqt l-operat tas-sentenzi sospizi fuq citati.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi kif citati mill-Avukat Generali bin-nota tieghu ta' rinviju datata sitta w ghoxrin ta' Ottubru, esibita fl-atti processwali odjerni.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li hija riflessjoni tal-karattru tieghu fis-sens li l-imputat ghandu karattru impulsiv u jaghmel dak li jigih f'mohhu minghajr ma jahseb kif inhu rifless fl-agir sesswali tieghu. Illi dan it-tip ta' reati kommessi mill-imputat certament huma reati serji u ghandhom certu portata fis-socjeta tant li jhallu effett fuq l-individwi li certament jghaddu minn trawma li difficili li tissupera.

Il-Qorti hi konvinta li l-imputat fl-agir tieghu kien jaf sewwa x'kien qed jaghmel u f'mohhu kien iffurmat minn qabel l-pjan tieghu. L-imputat agixxa b'disprezz u ma gharafx jirrispetta lit-tfajla li forsi wrietu

ftit ta' hbiberija. L-imputat certament irrikambja dan is-sentiment b'aggressjoni.

L-imputat ilu karriera ghaddej jikkommetti dawn it-tip ta' reati kif jirrizulta mill-ewwel reat registrat fil-fedina penali tieghu u cioe fid-disgha ta' Settembru, 1991 fejn kien inghata Probation Order u sussegwentement ghal dan r-reat l-imputat kellu erbgha akkuzi ohra li nstab hati taghhom tal-istess generu apparti l-kawza odjerna.

Il-Qorti ma tippermettix li bniedem li huwa daqstant impulsiv u li ma jistax jiehu hsieb il-frustrazzjoni sesswali tieghu jigri fis-socjeta u jipperikola l-hajja ta' terzi.

**In vista tas-suepost ghalhekk qed tordna li t-tlett sentenzi fuq citati operattivi u cioe s-sentenza moghtija fit-tmienja ta' Ottubru, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi, dik moghtija fl-ewwel ta' Gunju, 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn kien gie kkundannat disgha xhur prigunerija sospizi u dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998 fejn kien gie kkundannat disgha xhur sospizi <u>u cioe dawn t-tlett snin u nofs priguinerija jigu in effett immedjat</u>.**

**In oltre il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat CHRISTOPHER ELLUL hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv l-akkuza ta' stupru u korruzzjoni ta' minorenni minn liema zewg akkuzi qed tilliberah u tikkundannah komplessivament bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar konkors ta' reati u piena ghal piena addizzjonali ta' sentejn.**

**Ghalhekk b'kollox l-imputat irid jaghmel hames snin u nofs priguneri ja.**

**Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma din l-istess kawza.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

## Magistrat